

Il-Ġurnal Ufficijali L 353 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

23 ta' Ottubru 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1538 tas-16 ta' Ottubru 2020 li jdaħħal isem fir-registro ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ("Pampepato di Terni"/"Panpepato di Terni" (IĠP)) 1
- ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1539 tas-16 ta' Ottubru 2020 li japrova emenda mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imdaħħal fir-registro tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Sainte-Maure de Touraine" (DOP) 3
- ★ Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1540 tat-22 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1793 fir-rigward taż-żrieragħ tal-ġuľgħien li jorġinaw mill-Indja (l') 4

DEĊIJONIJIET

- ★ Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2020/1541 tat-13 ta' Ottubru 2020 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2020) 8

(l') Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1538**tas-16 ta' Ottubru 2020**

**li jidaħħal isem fir-registraru ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u indikazzjonijiet ġeografiċi
protetti ("Pampepato di Terni"/"Panpepato di Terni" (IGP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja biex l-isem "Pampepato di Terni"/"Panpepato di Terni" jiddaħħal fir-registraru ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (²).
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Pampepato di Terni"/"Panpepato di Terni" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Pampepato di Terni"/"Panpepato di Terni" (IGP) huwa rregistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-klassi 2.3. Ħobż, għażina, kejkijiet, ġelu, gallettini u prodotti oħra tal-furnara tal-Anness XI tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (³).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) ĠU C 217, 1.7.2020, p. 33.

(³) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni
F'issem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni*

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1539

tas-16 ta' Ottubru 2020

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem imdaħħal fir-registratu tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti "Sainte-Maure de Touraine" (DOP)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalitā għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni ta' Franzia għall-approvazzjoni ta' modifika fl-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Sainte-Maure de Touraine", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 (²), hekk kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2003 (³).
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għal emenda, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (⁴).
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea b'rabta mal-isem "Sainte-Maure de Touraine" (DOP) b'dan hija approvata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi u Denominazzjonijiet ta' Oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 828/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jemenda l-ispeċifikazzjoni ta' 16-il isem li jidhru fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 dwar ir-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għal prodotti agrikoli u dawk tal-ikel (Danablu, Monti Iblei, Lesbos, Beaufort, Salers, Reblochon jew Reblochon de Savoie, Laguiole, Mont d'Or jew Vacherin du Haut-Doubs, Comté, Roquefort, Epoisses de Bourgogne, Brocciu corse jew Brocciu, Sainte-Maure de Touraine, Ossau-Iraty, Dinde de Bresse, Huile essentielle de lavande de Haute-Provence) (ĠU L 120, 15.5.2003, p. 3).

(⁴) ĠU C 211, 25.6.2020, p. 15.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1540

tat-22 ta' Ottubru 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1793 fir-rigward taż-żieragh tal-ġulġlien li joriġinaw mill-Indja

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjal u attivitajiet uffiċjal oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-animali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjal) ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-punt (b) tal-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 47(2) u l-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 54(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 ⁽³⁾ jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjal mad-dħul fl-Unjoni, imposti fuq ġertu ikel u għalf, li mhuwiex ġej mill-animali, importat minn ġerti pajjiżi terzi u dwar il-kundizzjonijiet speċjal li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ġertu ikel u għalf minn ġerti pajjiżi terzi minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni bil-mikotossini, inkluż l-aflatossini, bir-residu tal-peстициди, bil-pentachlorophenol u bid-diōssini u l-kontaminazzjoni mikrobiologika, elenkti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implementazzjoni.
- (2) L-okkorrenza reċenti ta' inċidenti relatati mas-sikurezza tal-ikel li ġew notifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-ikel u l-Għalf (RASFF), kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 178/2002, u l-informazzjoni dwar il-kontrolli uffiċjal mwettqa mill-Istati Membri fuq iż-żieragh tal-ġulġlien li joriġinaw mill-Indja jeħtieġu li jiġi emendat l-Anness II tar-Regolament ta' Implementazzjoni (UE) 2019/1793.
- (3) F'Settembru 2020, permezz tal-RASFF ġew notifikati livelli għoljin ħafna ta' ossidu tal-etilen fir-rigward ta' ġerti lottijiet ta' żieragh tal-ġulġlien li oriġinaw jew li ntbagħtu mill-Indja u li däħlu fl-Unjoni. Dawk il-livelli jaqbżu, b'aktar minn 1 000 darba, il-livell massimu ta' residwi ta' 0,05 mg/kg applikabbli għall-ossidu tal-etilen fkonformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠUL 95, 7.4.2017, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjal u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ġerti oġġetti minn ġerti pajjiżi terzi, u li jimplimenta r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009, (UE) Nru 884/2014, (UE) 2015/175, (UE) 2017/186 u (UE) 2018/1660 (ĠUL 277, 29.10.2019, p. 89).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' peстициди fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1).

- (4) Kontaminazzjoni ta' dan it-tip tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni, peress li l-ossidu tal-etilen huwa kklassifikat bħala mutaġenu, kategorija 1B, karċinoġenu, kategorija 1 B, u sustanza tossika għar-riproduzzjoni, kategorija 1B, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾. Barra minn hekk, l-ossidu tal-etilen mhuwiex approvat bħala sustanza attiva għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fl-Unjoni.
- (5) Sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni, huwa għalhekk meħtieġ li jiġu previsti kundizzjonijiet speċjali fir-rigward tar-residwi tal-peстиди b'rabta maż-żrieragħ tal-ġulġlien mill-Indja. B'mod partikolari, iċ-ċertifikat uffiċjali li, f'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/1793 flimkien mal-Anness II tiegħu, irid jakkumpjanja l-kunsinni kollha taż-żrieragħ tal-ġulġlien mill-Indja, jenħtieġ jiddikjara wkoll li ttieħdu kampjuni tal-prodotti u li dawn ikunu ġew analizzati għar-residwi tal-peстиди li jridu jiġu mmonitorjati fi/fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti, u li r-riżultati kollha tall-kampjunar u tal-analiżi juru konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-livelli massimi ta' residwi tal-peстиди. Ir-riżultati tal-kampjunar u tal-analiżi jenħtieġ jinhemżu ma' dak iċ-ċertifikat.
- (6) Fid-dawl tal-kummerċ li għadu għaddej, il-kunsinni taż-żrieragħ tal-ġulġlien li joriġinaw mill-Indja li jkunu telqu mill-pajjiż tal-oriġini jew mill-pajjiż ta' spedizzjoni, jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż tal-oriġini, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ ikomplu jkunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli qabel dik id-data.
- (7) Barra minn hekk, u sabiex tiġi mħarsa s-saħħa tal-bniedem fl-Unjoni, il-frekwenza tal-kontrolli fiziċċi u tal-identità għall-preżenza ta' residwi ta' peстиди li għandhom jitwettqu fuq iż-żrieragħ tal-ġulġlien li joriġinaw mill-Indja fil-fruntieri tal-Unjoni jenħtieġ tiġi stabbilita għal 50 %.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1793 jiġi emendat skont dan.
- (9) Fid-dawl tar-riskju serju għas-saħħa tal-bniedem li jirriżulta minn kunsinni kontaminati ta' żrieragħ tal-ġulġlien li joriġinaw mill-Indja u fid-dawl tal-ħtieġa li tittieħed azzjoni rapida, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu.
- (10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1793

L-Anness II tar-Regolament ta' Implantazzjoni (UE) 2019/1793 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Miżuri transizzjonal

Ir-Regolament (UE) 2019/1793 għandu jkompli jaapplika kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għall-konsenji taż-żrieragħ tal-ġulġlien mill-Indja li jkunu telqu mill-pajjiż tal-oriġini, jew mill-pajjiż tal-ispedizzjoni jekk dak il-pajjiż ikun differenti mill-pajjiż ta' oriġini, qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-itikkettar u l-imballagġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II, fil-punt 1, l-entrata għaż-żrieragħ tal-ġugliex li jorġiġinaw mill-Indja hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

Ikel u għalf (użu maħsub)	Kodiċi NM ⁽¹⁾	Subdiviżjoni TARIC	Pajjiż tal-oriġini	Periklu	Frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fizċċi (%)
"Żrieragħ tal-ġugliex (Ikel)	1207 40 90		L-Indja (IN)	Salmonella (*) Residwi ta' pestiċċi (**) Residwi ta' ossidu tal-etenilen (***)	20 50

(*) Il-kampjunar u l-analiżijiet għandhom isiru skont il-proċeduri tal-kampjunar u l-metodi ta' referenza analitika stabbiliti fil-punt 1(a) tal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

(**) Ir-residwi ta' mill-inqas dawk il-pestiċċi elenkti fil-programm ta' kontroll adottat f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċċi fi jew fuq ikel u għalf li jorġiġ minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1) li jistgħu jiġi analizzati b'metodi multiresidwi bbażati fuq il-kromatografija b'fażi gassuża/spettrometrija ta' massa GC-MS, u dawk ibbażati fuq il-kromatografija likwida/spettrometrija tal-massa LC-MS (il-pestiċċi jridu jiġi ssorveljati fil-prodotti li jorġiġinaw mill-pjanti jew fuqhom biss).

(***) Residwi ta' ossidu tal-etenilen (is-somma ta' ossidu tal-etenilen u 2-kloro-ethanol, espressa bħala ossidu tal-etenilen)."

DEĊIJONIJIET

DEĊIJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ (PESK) 2020/1541

tat-13 ta' Ottubru 2020

dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestini (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2020)

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/354/PESK tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestini (EUPOL COPPS) (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2013/354/PESK, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) huwa awtorizzat, f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 38 tat-Trattat, li jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti bil-għan li jeżerċita l-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestini (EUPOL COPPS), inkluż id-deċiżjoni li jinħatar Kap tal-Missjoni.
- (2) Fit-28 ta' Settembru 2017 il-KPS adotta d-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1802 (²), li taħtar is-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni EUPOL COPPS mill-1 ta' Ottubru 2017 sat-30 ta' Ġunju 2018.
- (3) Il-mandat tas-Sur Kauko AALTOMAA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS ġie estiż regolarmen, l-aktar reċenti sat-30 ta' Settembru 2020 permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/902 (³), li emendat ukoll id-Deċiżjoni 2013/354/PESK u estendiet id-durata ta' EUPOL COPPS sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (4) Fis-7 ta' Ottubru 2020 ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ppropona l-ħatra tas-Sa Nataliya APOSTOLOVA bħala Kap tal-Missjoni ta' EUPOL COPPS,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sa Nataliya APOSTOLOVA hija b'dan maħtura Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestini (EUPOL COPPS) mill-15 ta' Novembru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-15 ta' Novembru 2020.

(¹) ĠU L 185, 4.7.2013, p. 12.

(²) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2017/1802 tat-28 ta' Settembru 2017 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fit-Territorji Palestini (EUPOL COPPS) (EUPOL COPPS/1/2017) (ĠU L 259, 7.10.2017, p. 20).

(³) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/902 tad-29 ta' Ġunju 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2013/354/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestini (EUPOL COPPS) (ĠU L 207, 30.6.2020, p. 30).

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurta

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT